



2024/1580

4.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 66/2024

tal-15 ta' Marzu 2024

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2024/1580]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 ⁽¹⁾, kif ikkoreġut mill-ĠU L 231, 6.9.2019, p. 30, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2019/1148 iħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 ⁽²⁾ li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12zc (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV:
"- **32019 R 1148:** Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 1), kif ikkoreġut permezz ta' ĠU L 231, 6.9.2019, p. 30."
2. It-test tal-punt 12zzq (ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV huwa sostitwit b'dan li ġej:
"**32019 R 1148:** Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 1), kif ikkoreġut mill-ĠU L 231, 6.9.2019, p. 30."
3. It-test tal-punt 6 (ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XXIX huwa sostitwit b'dan li ġej:
"**32019 R 1148:** Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 1), kif ikkoreġut mill-ĠU L 231, 6.9.2019, p. 30."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2019/1148, kif rettifikat fil-ĠU L 231, 6.9.2019, p. 30, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

⁽¹⁾ ĠU L 186, 11.7.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 315, 30.11.2017, p. 78.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Marzu 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Marzu 2024.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.